A.L. 306 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(Kap. 327)

Ir-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2005 tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2005 tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2005 tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, ippublikati bħala Avviż Legali 188 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-eżamijiet li jsiru minn Jannar 2013 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Fl-Ewwel Sessjoni s-suġġetti offruti jkunu dawn:

L-Accounting, l-Arti, il-Bijoloġija, il-Business Studies, il-Computing, id-Disinn u t-Teknoloġija, l-Edukazzjoni Fiżika, l-Ekonomija, il-Fiżika, il-Franċiż, il-Ġeografija, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Għarbi, il-Home Economics, l-Ilsien Ingliż, l-Ispanjol, l-Istorja, l-Istudji Ambjentali, l-Istudji Ewropej, l-Istudji Soċjali, il-Kimika, il-Komunikazzjoni Grafika, il-Kultura u ċ-Ċiviltà Klassika, il-Kummerċ, il-Latin, il-Letteratura Ingliża, il-Malti, il-Matematika, ir-Russu, it-Taljan, it-Tagħlim Reliġjuż, u t-Tessuti u d-Disinn."